# Żewġt Idwal

Rajtek, kewkba ċkejkna, msaħħra,
Dawlek jaqta' d-dlam kemm kemm,
Skiet madwarek, ħajja ħiemda,
La taf niket, la taf hemm.

Inti tħobb. Min f'qalbu għandu
Tixgħel dejjem xrar nar,
Is-sabiħ u l-hena jiddu
Ġo għajnejh, qawwija w kbar.

Inti tħobb. Is-sliem saltnatek,
L-hena tiegħek ward il-ġnien,
Tħobb il-mewġ jofrogħ u jilgħab,
Tħobb l-ilmiet ta' ġo l-widien.

U l-qlub hienja, l-uċuħ hienja,
Għalik ġmiel, wens tas-smewwiet;
Kulfejn tiġri d-dija tiegħek
Jiġri l-ferħ, jaħkem is-skiet.

*
* *

Għaddej waħdi: siġar ħiemda
Bħal imkeffna ġo dlam kbir;
Jixbah lilek, dawlu ċkejken,
Ajruplan rajt fl-għoli jtir.

Jogħla jogħla; ħarab f'daqqa,
Ħin-bla-waqt ma deher imkien,
Għalkemm mitfi, ħossu tisma'
Jidwi jidwi kullimkien.

Ajruplan, jien ħsiebek nafu:
Inti trid id-demm u l-ġlied,
U titgħaxxaq lill-omm tisma'
Tibki t-telfa ta' l-ulied.

Dinja mqallba l-għaxqa tiegħek,
Int ma tafx xinhuwa ferħ,
Mhux bħal kewkba li, ħanina,
Tħabbar lilna ġmiel u serħ.

Żewġt idwal — xrariet imkebbsa,
Mitlufin fil-baħħ sewdieni —
F'waħda tleħħ ġrajja ta' sliema,
Fl-oħra? Fl-oħra l-ġlied ta' żmieni.

Ġużè Chetcuti.